INTEGRARTI
Festival 2025

FJURI U KULURI

Leanne Ellul, *Novembru 2025*

Fir-rakkonti tat-tfal u tal-anzjani, aktarx jispikkawli l-iżjed il-fjuri u l-kuluri. Firxa sħiħa tagħhom. Hekk, bħat-tfal u l-anzjani nfushom. Kuluriti immens. Dan il-festival, Integrarti, għandu l-għan li jaħdem ma' komunitajiet differenti, bi sfond, etajiet, kulturi u interessi varji. Permezz ta' erba' laboratorji ta' kitba mat-tfal u erba' laboratorji ta' kitba mal-anzjani matul ix-xahar ta' Ottubru, dawk li mexxew il-laboratorji f'isem Inizjamed – kittieba u riċerkaturi – esploraw modi ta' kif nirrakkuntaw u siltu minn fomm il-protagonisti stejjer li altrimenti af kienu jibqgħu mistura. L-anzjani vjaġġaw lura fiż-żmien filwaqt li t-tfal vjaġġaw fl-immaġinazzjoni. U f'Novembru, il-festival qed ilaqqa' t-tfal u l-anzjani flimkien għall-ewwel darba sabiex niċċelebraw din il-pubblikazzjoni li għandek f'idejk. Ġabra ta' stejjer, poeżiji u ħsibijiet li tista' tilgħab bihom kif trid – anke litteralment! Għax jekk issegwi l-istruzzjonijiet, din il-karta ċatta tieħu s-sura ta' logħba ħelwa, qisha ħalq ta' papra. Kemm hu sabiħ ma ninsewx minn fejn tlaqna imbè, u fl-istess waqt nimirħu kemm nifilħu! Nilagħbu b'kemm ikollna saħħa. Għal iżjed Integrarti!

IL-KULLEĠĠ SANTA MARGERITA, PRIMARJA A, ĦAŻ-ŻABBAR

L-ISTEJJER TAT-TFAL TAL-EWWEL SENA

Sessjonijiet immexxija minn ***Kit Azzopardi***

X'QATGĦA DIK!

Illami kif ħasadni! Mis-sink ħareġ mostru b'wiċċ aħdar ħaxix, b'ġisem blu bħas-sema, b'idejn bojod karti, u b'saqajn sofor daqs il-lellux! U dawn ma kinux l-uniċi kuluri li kellu, tafux! Kellu snienu kannellini, xagħru iswed tut, u ġakketta ħamra nar. Kif rajtu ħrabt niġri u tant ġrejt li bqajt dieħla f'siġra u hu qadef għal warajja fuq rota. X'ma jilħaqnix! Imma xħin wasal ħdejja qabad ikellimni; qalli li jismu Lav, għandu 44 sena, u għadu student. Qas ħaqq il-qatgħa li tani! Għamilna paċi u qgħadna nilagħbu noli flimkien, jien offrejtlu berger bin-noodles u wara, xħin xbajna, inżilna ngħumu fil-pixxina. U l-qatgħa ma damitx m'għaddietli!

L-ISTORJA TAL-FJURI

Darba waħda, fi dlam ċappa f'nofs ta' lejl, waqfitilna l-karozza! Qas temmnu x'kien ġralha: kienu kibrulha l-fjuri flok ir-roti! Kellna nċemplu lill-mekkanik sabiex jgħinna. Xħin ġie rajna li kellu żewġt irjus, seba' jdejn, u erba' saqajn u għalkemm kien id-dlam, rajna wkoll li kien kull kulur: iswed, blu, aħmar, roża, isfar, vjola, u abjad ... U jaf kellu kuluri oħra imma nsejthom! Meta wasal, qala' l-fjuri bil-mod il-mod, qabbad roti ġodda, u l-fjuri ħawwilhom fil-ħamrija biex jikbru bix-xita. U maż-żmien ma kibrux biss fjuri imma wkoll ħafna u ħafna siġar u siġar tal-frott bħat-tuffieħ!

L-ISTEJJER TAT-TFAL TAT-TIENI SENA

Sessjonijiet immexxija minn ***Justine Somerville***

KARFUSU KARROTTA U T-TABLET

Ġo dar ċkejkna ħdejn il-baħar kienu jgħixu tifla ta' seba' snin jisimha Amy u kelb għażżien jismu Karfusu Karrotta. Il-passatemp favorit ta' Karfusu Karrotta kien li jiekol id-doughnuts quddiem it-tablet. Amy kienet xebgħet tgħidlu biex ma jibqax jitgħażżen. Kienet tgħidlu: "Iva Karfusu Karrotta, kif ma ddaħħalx naqra melħ f'moħħok u tagħmel xi ħaġa ta' ġid minflok taħli l-ħin fuq it-tablet?!"

Darba minnhom, Amy tant kienet irrabjata li waddbitlu t-tablet il-baħar. Meta Karfusu Karrotta ra x'għamlet, ma kienx jaf jibkix jew jidħaqx. Minflok ma ħadha bi kbira, xorob tazza ilma baħar u qagħad jaħseb fuq x'jista' jagħmel. Tgħid il-melħ tal-ilma baħar jitla' għal moħħu? Kieku tieħu gost Amy!

Karfusu Karrotta ħareġ bl-idea li jilbes il-maskra u jogħdos għat-tablet. Nesa li ma tantx jaf jgħum. La libes il-flippers u lanqas il-muscles li xtratlu Amy fis-sajf. Niżel fil-fond u t-tablet ma damx ma sabha kieku. Imma bela' ħafna ilma u beda jaqta' nifsu. Kien kważi se jegħreq sakemm, b'xorti tajba, ratu Amy u qabżet il-baħar għalih bil-ħwejjeġ b'kollox. Damet ftit titħabat biex ittellgħu għax Karfusu Karrotta ma kienx kelb żgħir. Fl-aħħar irnexxielha tgħum sax-xatt b'Karfusu Karrotta mgħannaq magħha, iżomm it-tablet bejn snienu.

Wara dik il-kedda, Karfusu Karrotta kellu bżonn jistrieħ. Amy ixxuttatu u daħħlitu fis-sodda. Sakemm raqad qaltlu l-istorja favorita tiegħu, dwar it-tifla li salvat lill-iljun mill-farfett il-lejl li nbidel f'vampir. Waqt li Karfusu Karrotta kien rieqed, Amy ħaditlu t-tablet tiegħu għat-tiswija.

L-għada Amy u Karfusu Karrotta għamlu picnic ħdejn il-baħar. Kielu l-ħobż biż-żejt u biċċa kejk tal-banana. Lagħbu bil-ballun u bnew kastell bir-ramel u l-arzell. Tant ħadu gost li Karfusu Karrotta dakinhar lanqas darba ma ftakar fit-tablet u d-doughnuts!

MIXA, TULI U L-FJURI

Mela darba, meta l-ġnien imtela fjuri, daħlet qattusa jisimha Mixa. Marret ixxomm il-fjuri u r-riħa tagħhom tgħidx kemm għoġbitha. Imbagħad ġrat xi ħaġa li żgur ħadd ma jemminha. Il-fjuri bdew ixommu lil Mixa! "Kemm tfuħ din Mixa," qalu l-fjuri, "minflok riħa ta' qtates, għandha riħa ta'... fjuri!"

Sakemm il-fjuri u Mixa bdew isiru jafu lil xulxin, fil-ġnien daħal kelb kbir. Dan il-kelb kien jismu Tuli. Xħin rahom jitkellmu żaqqu bdiet tgorr. "X'ġuħ għandi! Tgħid liem l-itjeb, il-qattusa jew il-fjuri?" ħaseb Tuli. Imma wara ftit ftakar kemm għandu ikel bnin id-dar u ddeċieda li la jiekol lil Mixa u lanqas il-fjuri.

Meta Mixa rat li ħelsitha ħafif, infetħilha l-aptit. Daret dawra mal-ġnien u xħin rat il-vaska dehrilha li m'hemmx itjeb minn ikla ħut. Imsieken iż-żewġ ħutiet tal-ġnien! Mixa ma ħafrithilhomx. Il-biċċa hi li dawn ma darulhiex maż-żokra. Għalhekk Mixa marret id-dar u għamlet festa mill-ħut tal-akkwarju wkoll. Ma tistħix, Mix?!

Ix-xewk kollu li belgħet m'għamlilhiex tajjeb. Marret lura fil-ġnien għal ftit arja friska. Il-fjuri indunaw li l-ħabiba tagħhom ma tiflaħx. Bagħtuha tixrob l-ilma tal-għadira biex tiġi f'tagħha. Meta saru jafu x'ġara qalulha li m'għamlitx sew, u tgħidx kemm bkew. Imsieken ħbiebhom il-ħut! Mixa ddispjaċieha għal li għamlet u bdiet tibki wkoll.

Tuli kien rieqed fil-fond taħt is-siġra tar-rummien. Xħin sema' lil Mixa u l-fjuri jibku, qam b'ħasda. Mar ħdejhom u ġabulu qalbu ġunġliena. Biex jipprova jdaħħaqhom ftit qalilhom ċajta. Irenxxielu Tuli u għamlu siegħa jgħidu ċ-ċajt u jidħqu flimkien. Mixa, Tuli, u l-fjuri saru l-ikbar ħbieb u għamlu wegħda li qatt mhuma se jieklu lil xulxin.

RESIDENZA DAR SAN ĠUŻEPP, IL-FGURA

KITBIET IX-XWEJĦA

Sessjonijiet immexxija minn ***Claudia Gauci*** *u* ***Priscilla Cassar***

NIFTAKAR

Niftakar l-iskola kont inkun għal qalbi ħafna
kont inħobb nitgħallem
kont inħobb lit-teacher
kont insaqsiha bit-tama
"Illejla għandna? Illejla għandna?"

Niftakar konna noqogħdu Raħal Ġdid
missieri kien jiġi mix-xogħol
kont inżommlu l-bagalja
fil-kċina, wara l-iskola
konna nieklu l-ħobż biż-żejt

Niftakar il-honeymoon Tas-Sliema
ġurnata u lejl
kwiet u sabiħ
ikel varjat u tajjeb
nimxu mal-baħar
is-sajjieda jaqbdu l-ħut
ħadna pjaċir
xtaqt li domn'iżjed

Niftakar Wied il-Għajn fis-sajf
hemm konna mmorru
nilagħbu barra taparsi tal-ħanut
bit-tappijiet, dawk kellna
inħalltu l-ilma bit-trab taparsi kunserva

Niftakar Ħaż-Żabbar
immorru l-misraħ
inġibu ż-żinżel
nilagħbu bih
nistennew fil-kju
nixtru l-laħam
riħa ta' fwied
ommi ġġib bajda bil-break
nimmissjaha jkolli ngħid

SAVIOR, PAWLA, AGNES U MARY

META

Meta kont żgħir / konna dawk is-sitt snin / tmien snin / konna dejjem nilagħbu ġot-toroq / dak iż-żmien traffic ma kien hawn xejn / niltaqgħu nilagħbu xixu jew bil-ballun / affarijiet hekk / ħafna differenti / filgħaxija l-ġenituri tagħna konna niltaqgħu fit-triq / hekk / u ngħidu l-użarju / niltaqgħu barra ħafna familji / u noqogħdu ngħidu / hekk / konna noħorġu siġġu u nirranġaw hekk insomma / dal-mumenti ma ninsiehom qatt / dak li niftakar li kien l-iktar għal qalbi / kont nieħu pjaċir ħafna

Meta tfarfart daqsxejn oħra konna nilagħbu bil-futbol / u hekk u dan / imbagħad konna ġieli mmorru naraw iż-Żejtun jilagħbu l-futbol / għax jien miż-Żejtun / u konna mmorru bil-mixi miż-Żejtun sa Raħal Ġdid / ara daqsxejn ta / ix-Schreiber / ix-Schreiber fejn issa qiegħed Ċensu Moran / u nsomma ngħadduha / hekk / dal-mumenti ma ninsiehom qatt / dak li niftakar li kien l-iktar għal qalbi / kont nieħu pjaċir ħafna

Imbagħad kif kelli qisu sbatax-il sena/kont noħroġ naqra sal-belt / u hekk u dan / u ġieli niftakar meta konna mmorru Tas-Sliema/ ma ninsieha qatt / vilel all round / tieħu pjaċir ġifieri / meta kona immur Tas-Sliema / minn tlieta u tmenin tneħħi sbatax-il sena / fis-sixty eight / dal-mumenti ma ninsiehom qatt / dak li niftakar li kien l-iktar għal qalbi / kont nieħu pjaċir ħafna

Għadda ż-żmien u żżewiġt / żmien ieħor ta' meta kbirt / ta' meta kont insiefer / kont naħdem it-Tarzna / sifirt ħmistax-il darba / kont naħdem ħafna / nagħmel l-overtime u hekk / imbagħad nieħu ġimgħa leave u nsiefru jien u l-mara / u ngħid ħa mmorru safra / dal-mumenti ma ninsiehom qatt / dak li niftakar li kien l-iktar għal qalbi / kont nieħu pjaċir ħafna / dak li ħadt jiena

CARMEL

GĦOTJIEN TAPARSI MIŻIEN

Meta konna żgħar, kienu qed jagħmlu t-toroq, l-Imsida, ħafna gandotti. Konna nagħmlu l-għotjien, taparsi l-miżien, u nilagħbu tal-ħanut. Fit-triq. Kienu għadhom qed jagħmlu toroq ġodda haw', dak iż-żmien. Kemm kelli? Xi sixties. Għax jiena fil-fifties twelidt. U nilagħbu bejnietna, bniet u anke subien. Ġieli ħarba, u biż-żibeġ, u bil-ġebel. Biex tara karozza dak iż-żmien ... Kienu qed jagħmlu t-trinek biex iħaffru l-affarijiet. L-Imsida, l-iktar post li nħobb.

DOREEN

PILAĠA, FTAKART F'XI ĦAĠA?

Xxxxxx, qed tirrekordja. Jiena twelidt il-Marsa u ommi mbagħad ħaditni l-Birgu, noqogħdu l-Birgu. *Kont żgħira imma?* Baby baby ħaditni, kienet il-Birgu marret tixtrini għand ommha l-Marsa u mbagħad erġajna morna l-Birgu. *Hemmhekk trabbejt inti?* Ija. *Tiftakar xi ħaġa partikolari?* Niftakar il-Birgu kellna żewġt ikmamar biss u ommi kienet taħsilni u tbiddilli u tpoġġini fil-bieb bilqiegħda u kien hemm il-kuġin tiji post ieħor, u kien jitfagħli l-bajd. *Jitfagħlek il-bajd?* Biex iħammiġni! U ommi tirrabja! *Hi taħslek u hu jħammġek!* Mela mela, niftakarha dik ta! Kuljum. *Kuljum?* Mela. *Dik baqgħet f'moħħok!* Baqgħet f'moħħi.

PILAĠA

TFULITI ŻGĦIRA — STUDJU TAS-SENSI

Isemmu ħafna trufijiet, biċċiet, ħsibijiet. Frammenti mlewna blu, aħmar, vjola ... kważi tista' dduqhom u xxommhom u ttegħemhom.

1.

It-torta tal-piżelli bil-fenek
Il-fenek qed jinqela' fit-taġen
Fit-taġen ix-xikel tal-majjal
U l-kawlata taqsamha dar
L-imqaret li tagħmel ommi
U l-qarnita bl-ispagetti
U dik in-naqra nbid
Il-patata l-forn bil-bużbież
ta' nhar ta' Ħadd, ta' missieri

2.

L-abjad tal-libsa tal-preċett
Ommi kienet tlibbisni kollox blu
u kienu jsejħuli Ċelestina
Iċ-ċelesti u l-fortizza ta' Binġemma
Oħt ir-raġel, mietet żgħira, il-verdemar
Il-vjola tal-libsa li ħitt għall-festa
And a sky blue dress for the feast
L-aħdar ftit speranza, San Mikiel
U r-roża — kemxejn inqas mill-aħmar

PAWLA, DOREEN, HELEN, JOSEPHINE, AGNES, FURTA, SAVIOUR, KARMENU, CARMEN, MARY, PILAĠA

ŻMIEN IL-GWERRA

Ma tantx għandi affarijiet sbieħ x'ngħidilkom. Tal-Gwerra. Jien għandi ninety five. *Kulħadd jinfaqa' jċapċap.* Ma nafx ngħidlek meta twelidt. Lanqas naf. Imma naf li għandi nintety five. Konna refuġjati. Is-Siġġiewi. San Pawl il-Baħar. Kullimkien tela'. Niftakarna nippumpjaw l-ilma. Għax ix-xelter fejn kien, kien jinżel l-ilma tal-Wardija. U darba minnhom kien hemm ġixt aħwa. Kellna t-taraġ fix-xelter u min jinżel l-ewwel mal-lejl, kienu jorqdu fuq is-siġġijiet. Konna tlettax aħwa aħna. U kien hemm ġixt itfal, il-Lilly u r-Rokku, Alla jaħfrilhom jaħasra, u jien ta' tfal li kont wieħed minnhom waqa' t-taraġ u ġie ġol-ilma. U jien għedtlu, ħeqq, ħadt l-aħħar nagħsa? Ta' tfal li kont! *Airraid warning.* U nidħlu ġewwa. Ġuħ issemmix. Xħin ifettlilhom kienu jitfgħu l-bombi. Iddoqq is-sirena, tkun taf li għandek id-dar, imma toħroġ u ma ssibhiex. Ituk il-kutri biex titgħatta. Id-dar kienet waqgħet fil-Gwerra.

L-Isla.
Strada San Lorenzo.
Strada Macina.
Strada Crucifisso.

Imbagħad tlajna s-Siġġiewi.
Waqgħet il-knisja tal-Qrendi.
U laqqatnieha.

Imbagħad morna San Pawl il-Baħar.
Waqgħat il-knisja tal-Gillieru.
U laqqatnieha.

Imbagħad tlajna Wied il-Għajn.

U minn Wied il-Għajn, il-Milied għalija jista' qatt ma jiġi għax ma nħobbux. *Tibki.* Darbtejn serquni lili. Fil-Kunċizzjoni u fil-Milied. Mhux memorji sbieħ. Imm'esperjenzi. Aqqas xej' mhuma sbieħ.

FURTA

Ħajr: Veronika Mercieca (Maniġer Kulturali fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Port) u Joseph Galea (id-Direttur Artistiku tal-Festival Integrarti), Mary Doris Mifsud (Residenza San Ġużepp) u Anton Falzon (Ħaż-Żabbar, Primarja A); Jean Paul Borg, Keith Borg u Kenneth Scicluna (Inizjamed)
Kordinatriċi tal-fergħa letterarja fi ħdan Integrarti: Leanne Ellul
Mexxejja tal-laboratorji tal-kitba: Kit Azzopardi, Priscilla Cassar, Claudia Gauci, Justine Somerville
Editjar: Leanne Ellul, Kit Azzopardi, Justine Somerville
Materjal awdjoviżiv: Karl Andew Micallef u Elisa von Brockdorff
Disinn ta' din il-pubblikazzjoni: Naomi Gatt
© Il-kontributuri

Il-jeddijiet ta' din il-gazzetta miżmuma minn Inizjamed. Id-drittijiet tax-xogħlijiet li jidhru fil-gazzetta huma tal-kontributuri nfushom. Din il-pubblikazzjoni qed titqassam bla ħlas bil-kundizzjoni li ma tinbiegħx u ma tiġix fotokopjata, la kif inhi u f'ebda għamla jew legatura oħra. Ma jista' jsir ebda tibdil fiha. Ebda silta minnha ma tista' tkun ippubblikata mill-ġdid jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku jew irrekordjat jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess tal-pubblikaturi u l-kontributuri.

info@inizjamed.org
www.inizjamed.org
@inizjamed

SCAN HERE FOR MULTILINGUAL ACCESS FILIPINO, HINDI, MANDARIN, ARABIC, SERBIAN, BULGARIAN, SOMALI, TAMIL, PUNJABI, MALAYALAM & CEBUANO.

INTEGRARTI · ARTS COUNCIL MALTA · INIZJAMED · St Margaret College, Zabbar Primary A · Care Residence · Residenza San Gużepp

KIF TILGĦAB IL-LOGĦBA

1. Ilgħab bejn tnejn.
2. Għid lil sħabek jagħżlu wieħed mill-kuluri.
3. Iftaħ u agħlaq il-logħba skont kemm fih ittri isem il-kulur li jkunu għażlu. Pereżempju jekk jagħżlu l-LELÀ, iftaħ u agħlaq 4 darbiet.
4. Meta tlesti, sħabek jistgħu jħarsu fuq ġewwa u jagħżlu numru.
5. Iftaħ u agħlaq il-logħba skont in-numru magħżul.
6. Meta tlesti, sħabek iridu jagħżlu pannella li taħtha hemm attività li tistgħu tagħmlu! Kull attività meħuda jew ispirata mill-kitbiet tat-tfal u l-anzjani!



1

nagħmlu picnic ħdejn il-baħar

2

nilagħbu noli flimkien

3

nieklu l-ħobż biż-żejt

4

inħawlu l-fjuri fil-ħamrija

5

nagħmlu kamp fuq il-bejt

6

nilagħbu barra tagħrasi tal-ħanut

7

nimxu mal-baħar

8

ngħidu l-istorja favorita tagħna

STRUZZJONIJIET



Aqta' mal-forma tal-kaxxa. Poġġi l-karta rasha 'l isfel.

Itwi min-nofs.



Iftaħ il-karta.

Itwi n-nofs l-ieħor.



Erġa' iftaħ il-karta.



Itwi l-4 kantunieri saċ-ċentru tal-karta.

Biex tiġi tidher xi ħaġa hekk.

Żomm il-karta kif inhi u eqlibha bil-kontra.

Issa itwi l-4 kantunieri saċ-ċentru tal-karta mill-ġdid.

Biex tiġi tidher xi ħaġa hekk.

Itwi 'l ġewwa min-nofs.



Daħħal subgħajk fit-toqob u ilgħab.